VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,096, 30 ta' Novembru, 2018*
*Taqsima C*

# Nru. 72

30. 11. 2018

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Silvio Schembri, Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Diġitali u Innovazzjoni, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-26 ta' Novembru, 2018.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Logħob, Kap. 583.**

Raymond Scicluna
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Silvio Schembri, Parliamentary Secretary for Financial Services, Digital Economy and Innovation, and read the First time at the Sitting of the 26th November, 2018.

**AN ACT to amend the Gaming Act, Cap. 583.**

Raymond Scicluna
*Clerk of the House of Representatives*

VERŻJONI ELETTRONIKA



**ABBOZZ TA’ LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Logħob, Kap.583.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b’liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2018 li jemenda l-Att dwar il-Logħob, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Logħob, hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu. Kap. 583.

**2.** L-artikolu 57 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 57 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (6)," għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5), (6) u (7),"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-kirjiet kollha mogħtija lill-Gvern ta' Malta u, jew lid-Direttur tal-Lottu Pubbliku sabiex ikunu sullokati bħala banek tal-lottu, kif ukoll kull sullokazzjoni mogħtija mill-Gvern ta' Malta u, jew mid-Direttur tal-Lottu Pubbliku, kif ukoll kull ħaġa li ġiet magħmula jew li seħħet f’dan ir-rigward, għandhom jibqaw fis-seħħ skont it-termini tagħhom, u għandhom jkomplu jkollhom effett skont kif amministrati minn u f'isem il-Gvern ta' Malta.".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Emenda tal-artikolu 59 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 59 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "fl-1 ta' Jannar, 2019." għandhom jidħlu l-kliem "wara li jinħareġ avviż mill-Ministru għal dan il-għan fil-Gazzetta."; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "fl-1 ta' Jannar, 2019." għandhom jidħlu l-kliem "wara li jinħareġ avviż mill-Ministru għal dan il-għan fil-Gazzetta.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għanijiet u raġunijiet ta' dan l-abbozz huma sabiex jiżguraw transizzjoni bla xkiel mir-reġim regolatorju antik għar-regim regolatorju l-ġdid.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Gaming Act, Cap. 583.*

BE IT ENACTED by the PRESIDENT, by and with the advice and consent of the House of Representatives in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title. Cap. 583.

**1.** The short title of this Act is the Gaming (Amendment) Act, 2018 and this Act shall be read and construed as one with the Gaming Act, hereinafter referred to as the "principal Act".

Amendment of article 57 of the principal Act.

**2.** Article 57 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in sub-article (1) thereof, the words "Saving the provisions of sub-articles (4), (5) and (6)," shall be substituted by the words "Saving the provisions of sub-articles (4), (5), (6) and (7),"; and

(b) immediately after sub-article (6) thereof, there shall be added the following new sub-article (7):

"(7) Notwithstanding the provisions of the preceding sub-articles and the provisions of this Act, all leases granted to the Government of Malta and, or the Director of Public Lotto to be sub-leased as lotto booths, as well as all such sub-leases granted by the Government of Malta and, or the Director of Public Lotto, as well as anything done thereunder or by virtue thereof, shall be kept in force within their terms, and shall continue to have effect as administered by and in the name of the Government of Malta.".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Amendment of article 59 of the principal Act.

**3.** Article 59 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in sub-article (2) thereof, the words "on 1st January 2019." shall be substituted by the words "upon a notice being issued by the Minister to this effect in the Gazette."; and

(b) in sub-article (4) thereof, the words "on 1st January 2019." shall be substituted by the words "upon a notice being issued by the Minister to this effect in the Gazette.".

---

**Objects and Reasons**

The objects of this bill are to ensure a smooth transition between the old and new regulatory regime.

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**